MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-10 ta' Novembru, 2005

Talba Numru. 1126/2005

**Andy Gatesy (PP 500263399) bhala Chairman, Claude Farrugia (ID 507973M) bhala Segretarju, William Wait (ID 253668M) bhala Tezorier u Paul Sapiano (ID 959547M), Sophia Backlund (PP 09479617), Marcel Cassar (ID 632449M), Paul Brincat (ID 134749M) u Claude Balzan Demajo (ID 45870M) bhala membri ta' BIETA (Bulebel Industrial Estate Tenants Association)**

**Vs**

**Denim Services Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' elf mija w erbgha u tletin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,134.57c) rapprezentanti s-*service charge* annwali dovuta lill-assocjazzjoni attrici

ghas-sena 2004 (inkluz VAT bil-18%) fir-rigward tal-fabbriki B20, B21, B27b, BT16 u BT17.
Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet debitament notifikata bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Sema' lil Joseph Pisani li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub jirrigwarda l-fabbriki B21, B27b, BT16 u BT17.

Ra l-verbal ta' Dr Chris Cilia li kkonferma li s-*service charge* relattiv ghall-fabbrika B20 ma jifformax il-mertu tal-kawza odjerna.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas is-somma ta' elf mija w erbgha u tletin lira Maltin u sebgha u hamsin centezmu (Lm1,134.57c) rapprezentanti s-*service charge* ghas-sena 2004 fuq il-fabbriki B21, B27b, BT16 u BT17 u bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------